23 ta' April, 1951

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

Francesca Debattista *versus* Antonio Grech

**Konfini — "Actio Finium Regundorum" — Meta Tista' Tiġi Eżerċitata —Art. 362 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Kull sid għandu dritt iġiegħel lill-ġar jagħmel, bi spejjeż komuni, sinjali li jidhru u jibqgħu, biex juru l-limiti tal-fondi tagħhom li jmissu ma' xulxin. U din l-azzjoni hija impreskrittibili; salv id-dritt ta' waħda mill-partijiet, f'kawża ta' regolament ta' konfini, li tinvoka l-pussess trentennali sabiex il-limiti jitpoġġew fil-limiti estern ta' l-art użukapita.*

*Imma meta l-konfini jkunu ġew preċedentement stabbiliti bis-saħħa ta' konvenzjoni, b'mod li l-partijiet ikunu jafu fejn għandhom jiġu l-konfini, dik il-parti li tippretendi li s-sinjali fl-art ġew spostati ma għandhiex teżerċita l-azzjoni "finium regundorum". Biex tneħħi dak l-ispostament, jekk ikun tassew sar, tas-sinjali li kienu jirregolaw il-konfini, hija għandha azzjonijiet oħra, imma mhux dik biex jiġu stabbiliti l-konfini.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi skond kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Giovanni Caruana ta' l-20 ta' Novembru 1941, li kopja tiegħu tinsab eżibita fl-atti tal-kawża fl-istess ismijiet (Ċitaz. Nru. 7/49G.) differita "sine die" a fol. 41 ta' dak il-proċess, il-għalqa "tax-Xatba", limiti ta' l-Imqabba, Parish Church, Via Siġġiewi, għandha l-kejl ta' tomnejn, siegħ u kejla u nofs (T2. 1. 1½), tinsab posseduta kwantu għal parti mill-erbgħa u għoxrin (1/24) mill-attriċi u tlieta u għoxrin minn erbgħa u għoxrin (23/24) mill-konvenut; u li l-konvenut, per mezz ta' sinjali tal-ġebel, qasam din l-għalqa minn oħra li tmiss magħha u li tagħha huwa l-proprjetarju uniku; u dawna s-sinjali jinsabu mqegħdin b'mod illi l-għalqa li tagħha l-attriċi għandha sehem ġiet fiha kejl inqas minn dak fuq imsemmi ta' tomnejn, siegħ u kejla u nofs; talbet, għall-finijiet kollha tal-liġi, u speċjalment għall-fini li tiġi stabbilita sewwa l-konsistenza tal-fond fuq imsemmi li tiegħu l-attriċi għandha sehem, li tiġi minn din il-Qorti, okkorrendo anki per mezz ta' periti nominandi, stabbilita l-vera konsistenza ta' l-istess għalqa "tax-Xatba" li tifforma l-oġġett tal-kawża nru. 7/49G. fl-istess ismijiet, u l-lum differita "sine die", liema għalqa għandha l-kejl ta' T2. 1. 1½, u tinsab konfinata (fol. 41 ta' l-istess proċess nru. 7/49G.) mit-tramuntana ma' għalqa tal-werrieta ta' Michele Zammit, mill-lbiċ mal-għalqa ta' Carmelo Caruana, min-nofsinhar mal-porzjoni l-oħra tal-konvenut, u għandha dritt għall-passaġġ pedestri u ekwestri fuq il-porzjoni ta' barra, li hija tal-konvenut; billi jiġu magħmulin is-sinjali tal-ġebel fejn imisshom ikunu skond l-istess konsistenza ta' l-imsemmija għalqa; u jekk ikun hemm bżonn, anki mneħħija dawk is-sinjali li l-lum jeżistu. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-11 ta' Novembru 1950, li biha, wara li rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenut, ġew respinti t-talbiet ta' l-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha; salva għaliha kull azzjoni oħra "si et quatenus"; wara li kkunsidrat;

Illi l-attriċi mhix qegħda timpunja mħabba leżjoni d-diviżjoni ta' l-utili dominju temporanju tal-għalqa msemmija

"tax-Xatba" fil-limiti ta' l-Imqabba, Parish Street, già Strada Parrocchiale, Via Siġġiewi, bejn Antonio u Giuseppe Grech (il-konvenut), li saret in atti Giovanni Caruana tal-20 ta' Novembru 1941; in forza ta' liema diviżjoni dik il-għalqa ġiet diviża f'żewġ porzjonijiet, waħda esterna tal-kejl superfiċjali ta' tomnejn, siegħ u kejla u nofs, li ġiet assenjata lill-konvenut Antonio Grech, u l-oħra interna, tal-kejl superfiċjali ta' tomnejn, siegħ u kejla u nofs, li messet lil Giuseppe Grech,, u hija dik il-lum posseduta in komuni "pro indiviso" mill-kontendenti fil-porzjonijiet indikati fl-att taċ-ċitazzjoni; imma l-attriċi qiegħda titlob li tiġi determinata b'mod eżatt il-proprjetà ta' l-istess għalqa. Mingħajr dubju dan jista' jirriżulta mill-eżami tat-titolu; f'dan il-każ mid-diviżjoni fuq ċitata u mill-miżurazzjoni; u l-oġġett ta' l-ewwel talba huwa preċiżament dan, jiġifieri li tiġi konstatata l-konsistenza tal-għalqa skond l-imsemmija diviżjoni per mezz ta' miżurazzjoni; fi kliem ieħor, li jiġu konstatati d-drittijiet anterjuri tal-proprjetarji tal-fondi kontigwi—dak li, in massima, għandu b'riżultat ir-regolament tal-konfini;

Għalhekk il-preskrizzjoni invokata mill-konvenut għall-azzjoni tar-rexissjoni mħabba leżjoni (sentejn mill-att li bih tispiċċa l-komunjoni) mhix applikabili għat-talba ta' l-attriċi. L-"actio finium regundorum"—li l-attriċi qiegħda teżerċita—hija impreskrittibili; għaliex tikkostitwixxi għall-proprjetarji viċini att purament fakoltativ, u għaliex d-dritt ta' dawk il-proprjetarji li jitolbu r-regolament tal-konfini, meta dawn ikunu nċerti jew promiskwi, huwa inerenti għall-proprjetà, u kwindi ma jistax jispiċċa sakemm tibqa' tissussisti l-proprjetà, għalkemm f'kawża ta' regolament tal-konfini waħda mill-partijiet tista', naturalment, tinvoka l-pussess trentennali sabiex il-limiti jitpoġġew fil-limiti estern ta' l-art użukapita—konsegwenza naturali ta' l-idea illi r-regolament tal-konfini għandu jiddetermina l-linja li tofroq il-proprjetà;

Illi l-azzjoni "finium regundorum" għandha l-fondament tagħha fl-inċertezza ġuridika riżultanti minn nuqqas jew mill-alterazzjoni tal-konfini, li jinduċu promiskwità, inċertezza u konfużjoni ta' pussessi; u dik l-azzjoni tista' tiġi wkoll eżerċitata sabiex tiġi korretta l-appożizzjoni ta' konfini żbaljati. Ma hemmx lok għal dik l-azzjoni, u ma tistax tiġi esperita—

għaliex ma jkunx il-każ ta' regolament tal-konfini — meta, jew per mezz ta' konvenzjonijiet preċedenti, jew għaliex ikun hemm is-sinjali żguri u li jidhru, il-konfini jkunu ndikati;

Illi fil-każ preżenti, il-konfini jidhru b'sinjali tal-ġebel; imma l-attur jippretendi li ma għandhomx ikunu fil-post li qegħdin, u li għandhom jiġu spostati aktar 'l hemm lejn l-għalqa kontigwa ta' proprjetà esklużiva tal-konvenut; u għal dan hija diretta l-azzjoni tiegħu, kif jirriżulta mill-attijiet tal-kawża fuq ċitata...........;

Illi għaldaqstant jirriżulta li l-konfini ġew stabbiliti b'konvenzjoni, però l-attriċi tippretendi li ġew spostati; u jirriżulta wkoll illi hija taf kif ġew spostati u fejn għandhom jiġu;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi, la jista' jingħad li huwa l-każ ta' korrezzjoni ta' appożizzjoni ta' konfini żbaljati, la ta' nuqqas ta' konfini, u lanqas ta' inċertezza ta' konfini. Il-konfini, skond l-attriċi, huma ċerti; tant illi l-attriċi, per mezz tax-xhieda ta' żewġha, tindika fejn għandhom jitpoġġew; u għalhekk hija ma tistax teżercita l-"actio finium regundorum". Ir-reklam tagħha għandu bħala oġġett parti determinata mill-fond kontigwu, u kwindi ma hux regolament ta' konfini, għax dana jsir meta r-reklam ma jaqax fuq parti determinata mill-fond viċin. L-attriċi tippretendi, kif jirriżulžulta ċar minn dak li ntqal fuq, illi t-termini tal-konfini ġew spostati; u allura hija għandha l-azzjoni naxxenti mill-konvenzjoni fuq imsemmija jew mid-delitt (Laurent, Vol. 4, nru. 438, paġ. 388);

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi, u rat il-petizzjoni tagħha fejn talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, b'illi tiġi konfermata in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tiġi revokata in kwantu ċaħdet it-talbiet ta' l-attriċi, billi minflok dawk it-talbiet jiġu milqugħa, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi li saru fil-kawża l-oħra (nru. 7 ta' l-1947) irriżulta li bejn il-għalqa msemmija fiċ-ċitazzjoni u dik limitrofa tal-konvenut appellat hemm sinjali tal-ġebel biex juru

l-konfini bejn l-istess għelieqi. Irriżulta wkoll li dawk il-konfini kienu saru bil-kuntentizza tal-konvenut u ta' l-awtur ta' l-appellanti qabel ma għamlu l-qasma bil-kuntratt li sar għand in-Nutar Giovanni Caruana fl-20 ta' Novembru 1941. Iżda l-attriċi, kif jidher mix-xhieda ta' żewġha f'dik il-kawża, tippretendi li dawk is-sinjali bil-ġebel ġew spostati u ma għadhomx fejn kienu ġew originarjament poġġuti; mentri l-konvenut appellat ċaħad li qatt sar dak l-ispostament, u jsostni li l-imsemmijin sinjali tpoġġew mill-bidu preċiżament fejn għadhom jinsabu sal-lum;

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni preżenti, kif jidher miċ-ċitazzjoni u kif espressament qalet l-appellanti (fol. 14), hija dik ta' stabbiliment jew aċċertament ta' konfini bejn iż-żewġ fondi imsemmijin fiċ-ċitazzjoni, u tinsab bażata fuq id-dispożizzjoni ta' l-art. 362 tal-Kodiċi Ċivili, li jistabbilixxi li kull sid jista' jġiegħel lill-ġar jagħmel, bi spejjeż komuni, sinjali li jidhru u li jibqgħu, biex juru l-limiti tal-fondi tagħhom li jmissu ma' xulxin. Iżda meta dawk il-konfini jkunu ġew stabbiliti bejn il-partijiet, sija bi ftehim sija b'sentenza, l-azzjoni "finium regundorum" tkun eżawrita, u ma tistax tiġi eżerċitata mill-ġdid, jekk mhux fil-każ li dawk il-konfini jkunu ġew "rimossi da forza maggiore o guasti dall'azione del tempo in guisa che non siano riconoscibili. Ma se i termini tuttora sussistono, non può l'una parte chiedere una nuova apposizione, perchè le convenzioni, come i giudicati, formano legge tra le parti" (Ricci, Vol. II, paġ. 114-115);

Il-Hainberger (Diritto Romano privato e puro, para. 588) jgħid li "non è ammissibile questa azione ('finium regundorum') nel caso che qualunque sappia precisamente i propri confini, e sostenga che il vicino li abbia oltrepassati; poichè in tal caso ha luogo l'azione rivendicatoria". U l-Laurent (Vol. VII, paġ. 373, para. 419) igħid li :— "È stato più volte giudicato che non può ammettersi l'azione in regolamento quando si trovano già stabiliti dei termini che separano i due fondi. Ciò è di tutta evidenza". Il-Baudry-Lacantinerie (Dei Beni, paġ. 566, para. 910) isostni li biex l-azzjoni "finium regundorum" tista' tiġi ostakolata, hemm bżonn li "i limiti siano stati legalmente constatati, e che i segni materiali che li fis-

sano siano stati, conforme all'uso, collocati d'accordo tra i proprietari, od in seguito ad una istanza giudiziaria''; u jagħmel riferenza għall-Pardessus (I, n. 119), f'nota in kalçe, u jiċċita minnu dan li ġej :— ''Allorchè vi sono dei segni materiali qualsiasi per segnare la linea di separazione, non vi ha luogo che ad una azione di rivendicazione'';

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk l-azzjoni ta' stabbiliment ta' konfini m'hijiex ammissibili minn min jaf fejn kienu l-konfini u jippretendi li ġew spostati; billi f'dana l-każ l-azzjoni li għandha tiġi eżerċitata hija diversa, jiġifieri dik naxxenti mill-konvenzjoni jew mid-delitt, jew l-azzjoni rivendikatorja. Fil-każ preżenti mhux in kuntrast bejn il-kontendenti li l-istabbiliment tal-konfini bejn iż-żewġ fondi msemmijin fiċ-ċitazzjoni sar bil ftehim bejn il-konvenut u l-awtur ta' l-attriċi appellanti qabel ma saret il-qasma fl-atti tan-Nutar Giovanni Caruana tal-20 ta' Novembru 1941. L-appellanti biss tippretendi, għalkemm ma qalitux ċar fiċ-ċitazzjoni, li dawk il-konfini ġew spostati mill-konvenut, u li biex jerġgħu jiġu f'posthom għandhom jitqiegħdu ''in linja man-naħa tax-xellug tar-rampa, kif tispiċċa din ir-rampa, jiġifieri għandhom jibdew preċiżament fejn kienet tispiċċa dina r-rampa min-naħa tal-lemin tagħha għal min ikun nieżel minnha'', kif xehed ir-raġel ta' l-appellanti fil-kawża l-oħra fuq imsemmija;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Tirrespinġi fil-kap devolut lil dina l-Qorti l-appell miġjub 'il quddiem mill-attriċi, u għalhekk tikkonferma fl-istess kap is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà Tiegħu r-Re fil-11 ta' Novembru 1950; bl-ispejjeż kontra l-attriċi appellanti.